# 4. San Kalċidonju, Għawdex

Xi ħlewwa hawn quddiemi!
    oh x'seħer ta' naħiet!
Hawn sewwa sew jissejjaħ
    is-saltna tal-għoljiet!
Għammar u ta' Għajn Ilma,
    Gelmus u tal-Ġurdan,
bejniethom firxa wiesgħa
    ta' raba' u ta' ħitan!

Ta' Kerċem raħal ċkejken
    jixxabbat mal-widien;
ħarrub u tin u bajtar
    iħaddru kullimkien;
u 'l hawn u 'l hinn xi mitħna
    bl-antinni bajdanin;
fil-bogħ'd ta' Pinu l-loġoġ
    iġorru l-ilma bnin!

Inħossni ġo presepju
    u jiena pastur żgħir,
nitħajar illi nofroq
    il-mewġ leqqien tax-xgħir,
u ninżel lejn ix-Xlendi
    imwieżen fuq masluġ,
infittex qalb is-siġar
    tal-qasab u ż-żebbuġ,

Ġewwa xi għar xehbieni
    imkennen ġewwa l-wied,
Tarbija ġo maxtura
    fil-ħlewwa tal-Milied;
madwarha qatgħa twajba
    ta' rgħajja ferħanin
imellsu merħla bajda,
    u jdoqqu t-tamburlin.